A.L. 84 tal-2011

ATT DWAR LOTTERIJI U LOGĦOB IEĦOR (KAP. 438)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Apparat Rilevanti għal-Logħob tal-Lotterija Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 78 tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, wara konsultazzjoni mal-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Apparat Rilevanti għal-Logħob tal-Lotterija Nazzjonali, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Apparat Rilevanti għal-Logħob tal-Lotterija Nazzjonali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 438.02

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-15 ta' Marzu 2011.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok it-tifsira "attivita' liċenzabbli", għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "attivita' liċenzabbli" tfisser xi attività ta' manifattura, immuntar, tiswija, manutenzjoni, tqegħid fis-suq, distribuzzjoni, forniment, bejgħ, kiri, trasferiment, disponibbilità għall-użu, aċċettazzjoni jew operazzjoni ta' apparat għal-logħob rilevanti, jew xi parti jew partijiet minnu;".